

2) Ibram Acsen huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 269, 14.8.2017.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2017 – Hernando Avendaño et vs SRB

(Kawża T-669/17)

(2018/C 042/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: María Hernando Avendaño (Madrid, Spanja), Ignacio Ruiz-Rivas Hernando (Madrid), Juan Ruiz-Rivas Cuesta (Madrid), Lucía Ruiz-Rivas Cuesta (Madrid) (rappreżentant: P. Gabeiras Vázquez, avukat)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tilqa' r-rikors għal annullament bħala ammissibbli, flimkien mal-prova prodotta u t-talba għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura;
- tannulla d-Deċiżjoni SRB/EES/2017/08;
- tipproċedi għall-kumpens tad-danni sostnuti.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawżi T-478/17, *Mutualidad de la Abogacía u Hermandad Nacional de Arquitectos Superiores y Químicos vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-481/17, *Fundación Tatiana Pérez de Guzmán y Bueno u SFL vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-482/17, *Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-483/17, *García Suárez et vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-484/17, *Fidesban et vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-497/17, *Sánchez del Valle u Calatrava Real State 2015 vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, u T-498/17, *Pablo Álvarez de Linera Granda vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*.

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2017 – Asociación de Usuarios de Bancos, Cajas y Seguros de España vs SRB

(Kawża T-735/17)

(2018/C 042/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Asociación de Usuarios de Bancos, Cajas y Seguros de España (Adicae Consumidores Críticos y Responsables) (Zaragoza, Spanja) (rappreżentant: J. Llanos Acuña, avukat)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla u tqis bħala mingħajr effett id-deċiżjoni kkontestata.

Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors ġie ppreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, adottata fis-sessjoni eżekuttiva tas-7 ta' Ġunju 2017 (Deċiżjoni SRB/EES/2017/08), li permezz tagħha ġie deċiż li jingħata bidu għall-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u li dan jiġi applikat fir-rigward tal-entità Spanjola Banco Popular Español, SA.

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawżi T-478/17, *Mutualidad de la Abogacía u Hermandad Nacional de Arquitectos Superiores y Químicos vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-481/17, *Fundación Tatiana Pérez de Guzmán y Bueno u SFL vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-482/17, *Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-483/17, *García Suárez et vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-484/17, *Fidesban et vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-497/17, *Sánchez del Valle u Calatrava Real State 2015 vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, u T-498/17, *Pablo Álvarez de Linera Granda vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2017 – Kerkosand vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-745/17)

(2018/C 042/43)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Kerkosand spol. s.r.o. (Šajdíkové Humence, ir-Repubblika Slovakkja) (rappreżentanti: A. Rosenfeld u C. Holtmann, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017)5050 final tal-20 ta' Lulju 2017 dwar il-proċedura ta' għajjnuna mill-Istat SA.38121 (2016/FC) – Ir-Repubblika Slovakkja “Investment aid to the Slovak glass sand producer NAJPI a.s”;
- sussidjarjament, tannulla l-ittra ta' notifika mibgħuta lir-rappreżentanti tar-rikorrenti mill-Kummissjoni Ewropea fil-5 ta' Settembru 2017 fil-proċedura SA.38121 (2016/FC) – Ir-Repubblika Slovakkja “Investment aid to the Slovak glass sand producer NAJPI a.s”; kif ukoll
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tar-reqwiziti formali essenzjali previst fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(1) flimkien mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2015/1589 ⁽¹⁾
 - Skont ir-rikorrenti, il-konvenuta hija tal-fehma li l-għajjnuna tissodisfa r-reqwiziti tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 ⁽²⁾. Dan jipprekludi lill-konvenuta milli twettaq proċedura ta' investigazzjoni preliminari u milli tadotta deċiżjoni fis-sens tal-Artikolu 4(2), (3) jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 2015/1589. Din il-fehma hija vvizzjata bi żball ta' liġi peress li l-konvenuta hija awtorizzata tissuġġetta għajjnuna bbażata fuq ir-Regolament (UE) Nru 651/2014 għal investigazzjoni preliminari. Il-perijodu ta' iktar minn tliet snin u nofs tal-proċedura ta' investigazzjoni jmur lil hinn minn eżami *prima facie* u jikkostitwixxi investigazzjoni preliminari. Għaldaqstant, il-konvenuta hija obbligata, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2015/1589, tadotta deċiżjoni fis-sens tal-Artikolu 4(2), (3) jew (4) tar-Regolament (UE) 2015/1589. Madankollu, il-konvenuta kisret dan l-obbligu, sa fejn ċaħdet l-ilment bħala infondat mingħajr ma stabbilixxiet li l-għajjnuna materjali ma tqajjem ebda dubju dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern.